**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tleita 11 ta' Gunju 2002**

**Numru 15**

**Avviz numru 1656/01**

**Michael Portelli**

**vs**

**Christopher Zammit**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm75 (hamsa u sebghin lira Maltin) rapprezentanti xi xogholijiet ta' computer cut stickers maghmulin mill-atturi fuq daghjsa tal-konvenut.

Il-konvenut minkejja li gie debitament interpellat naqas milli jhallas ghal dan ix-xoghol.

Il-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas is-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltin lill-atturi bl-ispejjes u bl-imghax mill-5 ta' Gunju 2000 sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Is-somma kif mitluba m'hijiex dovuta stante li x-xoghlijiet ma gewx ezegwiti fiz-zmien stipulat u lanqas fl-intier taghhom.

Sema ix-xhieda u ezamina id-dokumenti esebiti.

Ikkonsidera.

Illi dak li huwa lampanti fix-xhieda tal-attur u tal-konvenut huwa d-differenza fic-certezza tal-fatti kif suppost issuciedew.

Filwaqt li l-konvenut huwa cert fis-sekwenza tal-fatti bid-dettalji b'kollox, l-attur huwa monk f'dan ir-rispett. It-Tribunal jinnota incertezza u dubju – wara kollox huwa kien hemm meta innegozja mal-konvenut.

Omnia labor optat premium. L-attur ma jistax jippretendi li jithallas ta' xoghol li kien ghadu ma espletax. Anzi ma giex

espletat fit-terminu tal-perijodu miftiehem. Bl-applikazzjoni tal-factum superveniens id-daghjsa ma ghadhiex fil-pussess tal-konvenut. Arbitrio boni viri, it-Tribunal ihoss li s-somma ta' Lm50 (hamsin lira Maltin) hija gusta sabiex tikkonpensa lill-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni konvenuta jilqa t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' hamsin lira (Lm50), billi l-konvenut naqas li jiddeposita l-istess somma sabiex jezimi ruhu minn kwalunkwe responsabilta, Il-kap tal-ispejjes ghandu jigi minnu sofferit. Bl-interessi

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**